

# IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

## STEJJER MILL-KOTRA MQADDSA

### ANTIK TESTMENT

### Gideon, Imhallef Qalbieni

Ghaddew hafna snin u l-Lhud regghu tbieghdu mill-Mulej u dimbu kontra tieghu. Alla halla lill-Midjanin jahkmuhom u l-mexxejja taghhom kienu jgaghluhom ibatu.

L-Izraelin kienu bnew kenn fuq l-gholjiet.

Kull darba li l-Lhud kienu jizirghu l-ghelieqi taghhom, il-Midjanin kienu jinzlu u jeqirdulhom il-frott ta' l-ghelieqi u joqtlulhom l-annimali taghhom. L-Lhud daru lejn Alla biex jhenn ghalihom u Alla baghtilhom mexxejj jisimu Gideon biex jehlishom minn idejn l-oppressuri taghhom, il-Midjanin. Gara li Alla baghat l-Anglu tieghu joqghod bil-qieghda taht sigra tal-balluta gewwa Ofrah. Dak il-hin Gideon kien qed jidres il-qamh fil-kamra fejn kien jaghsar l-imbid. L-anglu tal-Mulej qallu: " Il-Mulej mieghek. Inti bniedem qalbieni."

Gideon irrisponda: " Jekk inhu hekk ghaliex qed jigri dan kollu lil poplu taghna?"

U Alla qal permezz ta' l-anglu: " Mur u ehles lill-poplu tieghek mill-Midjani. Jiena ntihomlok f'idejk."

Imbaghad Alla ordna lil Gideon jiehu l-barri zghir ta' missieru u barri iehor ta' seba' snin, jmur fit-tempju ta' alla Baal, (alla falz), ikisser dik ix-xbiha u jaghmel artal ghall-Mulej. Gideon ghamel kif qallu Alla. Meta sebah filghodu, in-nies tal-belt kienu rrabjati hafna li kissrilhom ix-xbiha ta' alla falz u riedu joqtluh. Missieru ndahal ghalih u qalilhom: " Jekk dan alla taghkom hu daqshekk ta' qawwa, halli jinzel u jikkastiga lil Gideon hu." Gideon imbaghad talab sinjal lil Alla biex jurih li hu kien il-maghzul li kellu jmexxi glieda kontra l-Midjani. U Gideon qal lil Alla: " Ara jien nqieghed bicca drapp tas-suf niexfa fuq l-art, jekk l-ghada meta nqum nsiba mxarrba u l-art ta' madwarha niexfa, dan ikun sinjal li Inti ghaziltni ." L-ghada Gideon sab is-suf imxarrab u l-art ta' madwara niexfa; wara li ghasarha gabar minnha skutella ilma.



Gideon ma pperswadix ruhu u ghalhekk talab lil Alla u qallu: "Mulej la tinkurlax mieghi. Inqieghed bicca drapp ohra tas-suf imxarrba fuq l-art u jekk l-ghada insib is-suf niexef u l-art imxarrba, imbaghad naghraf li inti ser tkun mieghi fil-glieda kontra il-Midjani." L-ghada Gideon sab is-suf niexef fuq art kollha mimlija nida.

Imbaghad il-Mulej qal lil Gideon: " L-armata hija ta' daqs kbir. Trid tkun izghar sabiex jidher li kienet id il-Mulej li heles lill-poplu tieghu minn id l-Midjani. Ghid lin-nies li kull min jibza' jmur lejn daru." 22, 000 marru lura lejn darhom u baqa' biss 10,000. Il-Mulej rega'

qal lil Gideon: " L-armata ghadha kbira. Ghid lin-nies jmorru lejn xatt ix-xmara u jixorbu l-ilma. Ifred lil dawk li jixorbu l-ilma gharkubtejhom minn dawk li biex jixorbu l-ilma jilghaquh bl-ilsienhom bhalma jaghmlu l-klieb. Imbaghad nghidlek x'taghmel."

Kienu biss 300 ruh li xorbu bhalma jaghmlu l-klieb. U minn dak in-numru ta' gellieda Gideon ifforma l-armata skond ix-xewqa tal-Mulej. Gideon ta trumbetta, garrar vojta u torcjiet f'garrar ohra lin-niesu u qalilhom biex ikissru dawn il-garrar u jghajjtu "Il-qawwa tal-Mulej u Gideon" meta jaghtihom is-sinjal. Kollox sar kif ordna Gideon meta l-armata tieghu kienet barra t-tined tal-Midjanin. Il-qawwa Midjanita u l-ghajnuna li kellhom mill-Amalakiti inhakmet f'konfuzjoni u bdew joqltu lil xulxin. Hekk il-Midjaniti u l-Amalakiti sofrew telfiet kbar u Alla heles lill-poplu tieghu minn taht idejn il-pagani.

WIEGEB DAWN IL-MISTOQSIJIET:

1. Xi gralhom ilLhud ghax tbieghdu minn Alla?
2. X' kienu jaghmlu il-Midjanin biex jahqru lillLhud?
3. X'kienet l-ewwel prova li talab Gideon biex jaccerta ruhu li Alla ghazlu ghall-missjoni?
4. Gideon talab prova ohra ghax ma kienx kuntent b'wahda biss. X'kienet?
5. Biex jurih li kienet l-id t'Alla li qeghda tmexxi, x'ordnalu Alla?